MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 49/2009

**Angelo Scicluna u Rose Scicluna**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Angelo u Rose konjugi Scicluna fis-6 ta' Jannar 2004 permezz ta' liema jitolbu li jigi dikjarat illi t-taxxa u penali likwidati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-Avviz ta' Likwidazzjoni datat 28 ta' Novembru 2003, ma humiex dovuti minnhom stante li l-valur taxxabbli tat-trasferiment esegwit bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 29 ta' Ottubru 1999 huwa dak dikjarat fl-imsemmi kuntratt, u konsegwentement jitolbu li l-imsemmija Likwidazzjoni tigi revokata w annullata;

Ra r-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 17 ta' Novembru 2003[1] anness mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tieghu datata 28 ta' Novembru 2003 il-likwidazzjoni tat-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti dwar it-trasferiment ta' immobbli lir-Rikorrenti li sehh b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 29 ta' Ottubru 1999, hija gusta u timmerita konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 11 sa' 17 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2012[2] il-partijiet kontendenti qablu li in verità il-benefikati li saru fuq l-art akkwistata mir-Rikorrenti saru minn u a spejjez ta' l-istess Rikorrenti fil-perijodu bejn il-konvenju u l-att ta' trasferiment u ghaldaqstant il-meritu tal-proceduri odjerni huwa dwar kif ghandha tigi applikata l-Ligi;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw ir-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 17 ta' Novembru 2003[3] [u mhux 28 ta' Novembru 2003 kif erronejament indikat mill-Kummissarju fir-Risposta tieghu, stante li t-28 ta' Novembru 2003 hija data ta' l-Avviz tal-Likwidazzjoni mahrug in segwitu ghar-Rifjut] permezz ta' liema rrifjuta l-oggezzjoni taghhom ghall-Likwidazzjoni bil-Kont Numru IV039258 relattiva ghall-akkwist ta' art tal-kejl komplessiv ta' 363.06 m.k. sitwata s-Swieqi, limiti ta' San Giljan, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 29 ta' Ottubru 1999, u kkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni u l-ammonti ta' taxxa (Lm3,500) u penali

[1] Fol. 1 sa' 4 tal-process.
[2] Fol. 34 tal-process.
[3] Fol. 1 sa' 4 tal-process.

(Lm7,000) hemm stipulati. L-aggravji fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw l-Appell taghhom minn tali Rifjut huma li: (i) il-benefikati eretti fuq l-art minnhom akkwistata gew esegwiti minnhom u a spejjez taghhom fil-perijodu bejn il-konvenju u l-att ta' trasferiment finali u ghalhekk *the difference between the real chargeable value declared on the Deed and the chargeable value in the Notice of Assessment under objection, represents the value of the improvements carried out on the plot by the purchasers after the signing of the konvenju*[4]; u li (ii) fic-cirkostazni ta' dan il-kaz il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghamel interpretazzjoni u konsegwenti applikazzjoni zbaljata ta' l-Artikoli 323 u 324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tal-provvedimenti tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-decizjoni tieghu tas-17 ta' Novembru 2003, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni irrifjuta l-oggezzjoni tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni minnu mahruga fil-konfront taghhom in bazi ghas-segwenti ragunijiet: *by Rule 3 of the Duty on Documents and Transfers Rules, 1993, it is established that the value of any property subject to duty under the Act "shall be the average price which such property would fetch if sold on the open market …" and the value of the property "shall be the value of such property on the date of the said transfer inter vivos…". As regards the value of the improvements carried out by the transferees prior to the actual transfer, the Commissioner is of the opinion that these form an integral part of the object transferred and cannot in any way be allowed as a liability of the transfer or as a factor that should diminish its ultimate chargeable value. Article 323 of the Civil Code expressly declares that "whosoever has the ownership of the land has also that of the space above it and of everything on or over or under the surface." Within this context, therefore, the ownership of the aforesaid improvements was, prior to the actual transfer deed, vested in the transferors as the owners of the plot of land underneath. Article 324 stipulates that "any construction … shall, unless the contrary is proved, be deemed to have been made by the owner at his own expense and to*

[4] Rikors ta' l-Appell.

*belong to him, without prejudice, however, to the rights which third parties may have acquired." The same article does not contemplate the transfer of any rights of ownership from the owner of the land itself to that other person responsible for the construction of the improvements thereon, but merely allows the creation of rights against the original owner in respect of such costs of construction. Since the transfer comprised all rights of ownership vested in the transferors, there can be no question that the immovable property transferred was inclusive of the land and the improvements thereon as extant on the date of transfer. In determining the value of the immovable property transferred, the Commissioner has obtained the advice of his technical expert, who valued the said immovable property at seventy five thousand Maltese liri (Lm75,000). The departmental engineer stated that the site was developed as a detached villa, having basement garages, elevated ground floor, first floor and roof in shell form state. The Commissioner had no option other than to proceed with an assessment on the basis of the difference between the value of the immovable property in question as determined by him on technical advice and the declared price. At objection's stage the technical expert confirmed his original valuation. Transferees have failed to produce any evidence to show that the value declared in the deed is correct. On the other hand transferors have agreed to the assessment and paid additional duties accordingly. Under the circumstances, the Commissioner sees no valid reason for discarding the advice obtained by him and hereby confirms the assessment in that respect*. Fir-Risposta tieghu ghall-Appell tar-Rikorrenti l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkontendi li ghar-ragunijiet minnu moghtija fir-Rifjut il-Likwidazzjoni ta' taxxa u penali dovuti in konnessjoni mat-trasferiment ta' immobbli favur l-istess Rikorrenti, hija gusta u timmerita konferma.

Fir-Rikors ta' l-Appell taghhom ir-Rikorrenti jikkontendu li *it appears that the Commissioner's stand is based on his interpretation of the law rather than on his contesting the fact that improvements on the land were in fact carried out by the appellants and at their expense* u bhala fatt irrizulta

li l-kwistjoni meritu ta' dan l-Appell verament tirrivolvi madwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Ligi enuncjati fil-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikoli 323 u 324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 gie verbalizzat li *l-partijiet jiddikjaraw illi jaqblu li in verità l-benefikati li saru fuq l-art akkwistata mir-rikorrent saru minnu u a spejjez tieghu fil-perijodu bejn il-konvenju u l-att tat-trasferiment u ghalhekk il-kwistjoni pertinenti ghal dan il-kaz tittratta l-mod kif ghandha tigi applikata l-Ligi*[5].

In sostenn tal-posizzjoni tieghu, u naturalment tal-Likwidazzjoni mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jikkontendi li *l-ligi u r-regoli relattivi jipprovdu li l-valur fis-suq tal-proprjetà huwa l-valur fiz-zmien tal-kuntratt u ghalhekk huwa irrelevanti minn min setghu saru l-benefikati meta sar it-trasferiment*. Ir-Rikorrenti jinsistu bl-opposizzjoni taghhom ghal tali ragunament da parte tal-Kummissarju u jinvokaw favur il-posizzjoni u sottomissjonijiet taghhom dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **J and T Company Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 4/96** deciza fis-27 ta' Frar 2004.

Wara li qies sew is-sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti u l-provvedimenti tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 323 u 324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal hu tal-fehma li r-Rikorrenti gustament jilmentaw mir-Rifjut u konsegwenti Likwidazzjoni mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante li din hija kjarament ibbazata fuq interpretazzjoni ghal kollox zbaljata, u t-Tribunal jazzarda jghid addirittura ingusta, da parte tal-Kummissarju tal-provvedimenti tal-Ligi li jirregolaw il-hlas tat- taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti.

Ai termini ta' l-Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta *ghandha tithallas fuq kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull qorti jew awtorità ohra*

---

[5] Fol. 34 tal-process.

*legittima, li bihom haga immobbli jew xi dritt reali fuq xi immobbli jigi trasferit lil xi persuna u fuq kull dikjarazzjoni maghmula skond l-artikolu 33, ghar-rigward ta' persuni li minnhom jorigina t-trasferiment causa morits li mietu fi jew wara t-23 ta' Novemberu 1999, taxxa ta' Lm7 fuq kull Lm100 jew parti minnha* – ir-rata applikabbli fiz-zmien meta sehh it-trasferiment meritu tal-kontestazzjoni[6] – *ta' l-ammont jew tal-valur ta' dak li jinghata bi hlas tal-haga trasferita jew tal-valur ta' dik il-haga, liema jkun l-akbar*[7]. Il-mod kif jigi stabbilit il-valur tal-proprjetà trasferita ghall-finijiet tat-taxxa kalkolata *ad valorem* jinsab stipulat fir-Regolament 3 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Legislazzjoni Sussidjarja 364.04, li fiz-zmien tat-trasferiment meritu tal-kontestazzjoni kien jipprovdi li: *(1) il-valur ta' proprjetà soggetta ghat-taxxa skond l-Att, mghoddija bi trasferiment inter vivos jew causa mortis, ghandu jkun il-valur ta' dik il-proprjetà fid-data tat-trasferiment inter vivos imsemmi jew fid-data tal-mewt tal-persuna li minnha jkun origina t-trasferiment causa mortis, skond il-kaz, (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha 'id-data rilevanti') u dak il-valur ghandu jigi stabbilit skond dawn id-disposizzjonijiet;* u *(2) Il-valur tal-proprjetà assoluta ta' kull proprjetà fid-data rilevanti ghandu jkun il-prezz medju li dik il-proprjetà kienet iggib li kellha tinbiegh fis-suq liberu f'dik id-data, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha li jolqtu lil dik il-proprjetà*.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog ferm car li ghall-fini li tigi kalkolata it-taxxa dovuta fuq trasferiment ta' immobbli jew ta' jedd reali fuq immobbli, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum id-Direttur Generali (Taxxi Interni), ghandu jiehu in konsiderazzjoni dak li **attwalment** gie trasferit bejn il-partijiet kontendenti u **c-cirkostanzi kollha li jolqtu lill-proprjetà li giet trasferita**, li jfisser ghalhekk li stima maghmula mill-Kummissarju/Direttur Generali bbazata fuq il-premessa li *il-ligi u r-regoli relattivi jipprovdu li l-valur fuq is-suq tal-proprjetà huwa l-valur fiz-zmien tal-kuntratt u ghalhekk huwa irrelevanti minn min setghu saru l-benefikati meta sar it-trasferiment*[8], ma tistax titqies

[6] Ir-rata attwalment in vigore hi ta' hames euro ghal kull mitt euro.
[7] Sottolinear tat-Tribunal.
[8] Sottolinear tat-Tribunal.

legalment valida u mahruga in konformità ma' l-ispirtu tal-Ligi. Fil-verità dan ma jistax ikun mod iehor ghaliex l-iskop principali ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa li jigi accertat li partijiet fi trasferiment ihallsu t-taxxa minnhom attwalment dovuta fuq tali trasferiment u mhux li jhallsu dak li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), arbitrarjament jidhirlu li hu dovut.

Applikat dan ir-ragunament ghall-kaz in ezami jehtieg jigi determinat dak li l-vendituri attwalment ittrasferew lill-kompraturi konjugi Scicluna bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 29 ta' Ottubru 1999. Ir-risposta ghal tali kwezit hija wahda semplici u dana partikolarment fid-dawl tal-verbal registrat waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2012. Ghalkemm mhux kontestat li fid-data tat-trasferiment il-plot fabbrikabbli nru. 3 formanti parti mill-artijiet ta' l-Ghoqod, fi triq progettata bla isem fil-kontrada tas-Swieqi limiti ta' San Giljan, li dwarha kienu ftehmu l-partijiet kontraenti, kellha benefikati eretti fuqha, id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jaccetta u jirrikonoxxi li tali benefikati **gew esegwiti mir-Rikorrenti a spejjez taghhom** fil-perijodu bejn il-konvenju w il-pubblikazzjoni ta' l-att ta' trasferiment finali, u ghalhekk b'applikazzjoni korretta tal-Ligi jsegwi li dak li **attwalment** gie trasferit mill-vendituri lir-Rikorrenti – u b'hekk l-immobbli li ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini li tigi kalkolata t-taxxa dovuta fuq it-trasferiment – kienet biss l-art li fuqha gew eretti tali benefikati u mhux it-totalità kif invece erronejament ikkunsidrat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fil-fehma tat-Tribunal ir-ragunment tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni espost fir-Rifjut tas-17 ta' Novembru 2003 ghalfejn ghall-finijiet tal-kalkolu tat-taxxa dovuta fuq it-trasferiment necessarjament kellu jikkonsidra l-proprjetà fit-totalità taghha u mhux biss l-art fuq liema gew eretti l-benefikati li irrizulta li kien hemm fid-data tat-trasferiment, huwa ghal kollox zbaljat in kwantu bbazat fuq interpretazzjoni kompletament skorretta ta' dak provdut fl-Artikolu 323 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u partikolarment ta' dak provdut fl-Artikolu 324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull bini, tahwil, jew bicca xoghol, sew fuq jew taht l-art, jinghaddu,* ***sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju****, li gew maghmula mis-sid bi flusu, u li huma tieghu, izda dan bla hsara tal-jeddijiet li haddiehor ikun akkwista.* Fil-kaz in ezami huwa bilwisq evidenti, u dana kif gustament sottomess mir-Rikorrenti, li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma apprezzax il-vera natura tal-presunzjoni stabbilita f'dak l-artikolu tal-Ligi, u cioè li hija presunzjoni *iuris tantum* u b'hekk suxxettibbli ghall-prova kuntrarja.

Ladarba d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jaccetta u jirrikonoxxi li l-benefikati eretti fuq l-art in kwistjoni saru mir-Rikorrenti a spejjez taghhom fil-perijodu bejn il-konvenju w il-kuntratt ta' trasferiment finali, huwa evidenti li ghandu fil-pussess tieghu provi sufficjenti li jikkonvincuh minn dan il-fatt. Fid-dawl ta' dan ghalhekk u b'applikazzjoni korretta ta' dak dispost fl-Artikolu 324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – invokat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in sostenn tad-decizjoni tieghu – tirrizulta l-prova kuntrarja li sodisfacentement teghleb il-presunzjoni stabbilita f'dak l-artikolu tal-Ligi, u cioè li l-bini erett fuq l-art in kwistjoni ma kienx maghmul mill-proprjetarju/i ta' dik l-art. Minn dan isegwi ghalhekk li, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum id-Direttur Generali (Taxxi Interi), dawk il-benefikati ma kienux – ghax ma setghux hekk ikunu – inkluzi fit-trasferiment flimkien ma' l-art favur ir-Rikorrenti u konsegwentement ghall-fini li tigi kalkolata t-taxxa dovuta fuq it-trasferiment in kwistjoni kellha tittiehed in konsiderazzjoni biss l-plot fabbrikabbli nru. 3 formanti parti mill-artijiet ta' l-Ghoqod, fi triq progettata bla isem fil-kontrada tas-Swieqi limiti ta' San Giljan, u mhux ukoll il-benefikati eretti fuqha fil-perijodu bejn il-konvenju w l-att ta' trasferiment finali. Likwidazzjoni bbazata fuq stima tat-totalità tal-proprjetà ezistenti fiz-zmien tat-trasferiment u mhux biss ta' l-art li attwalment giet trasferita hija ghalhekk manifestament zbaljata w ingusta.

Kif gustament sottomess mir-Rikorrenti waqt it-trattazzjoni orali quddiem dan it-Tribunal, dak kollu appena osservat

isib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **J and T Company Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 4/96** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2004, fejn gie trattat punt simili ghal dak in ezami f'dawn il-proceduri. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell osservat illi *t-taxxa fuq id-dokumenti in kwistjoni ma kienet qatt intiza bhala taxxa ta' qligh fuq kapital (capital gains tax) imma taxxa ta' boll fuq il-valur reali li ghadda jew thallas effettvament mix-xerrej lill-venditur ghal fini ta' trasferiment*[9]. *Jidher li l-legislatur ried jizgura li sa fejn hu possibbli ma jkunx hemm evazjoni ta' hlas minn din it-taxxa tramite kolluzjoni bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk huwa ha hsieb ghal dan billi ta s-setgha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li, entro certi parametri, huwa jkun jista' johrog stima ex parte*[10] *biex jigi stabbilit x'kien "il-valur reali" biex seta' sehh it-trasferiment de quo*[11]. ***In ezekuzzjoni ta' dan il-poter diskrezzjonali, l-appellat Kummissarju, u fil-kaz in ezami l-arkitett li gie mahtur minnu ghall-fini ta' stima, kien bil-ligi tenut li fl-istima tieghu jiehu in konsiderazzjoni wkoll il-kondizzjonijiet kollha rigwardanti l-immobbli biex din setghet tigi trasferita, u mhux semplicement jillimita ruhu ghal stima tal-binja fil-mument li saret l-ispezzjoni tal-fond. Naturalment ikun jinkombi fuq il-parti interessata li ggib il-prova li hemm ammont, konsistenti f'miljoramenti strutturali tal-fond, li ma giex tassew trasferit. Imma kemm-il darba prova tirrizulta ghandha***[12]***, u mhux m'ghandhiex, titqies ghall-fini ta' stima***[13]. *Diversament ikun ifisser – bl-istess ragonament ta' l-appellat – li min jakkwista immobbli li fuqha ghad ma hemmx binja però hemm il-kundizzjoni li l-venditur ghad irid jerigi struttura a spejjez tieghu, li allura tali struttura, darba li ghadha ma saritx, ma setghetx tigi ikkunsidrata fost il-kundizzjonijiet tal-bjegh – li hija haga manifestament erroneja*.

Ghal kull buon fini jigi osservat li r-rimarka tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-Rifjut tas-17 ta'

[9] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell.
[10] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell.
[11] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell.
[12] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell.
[13] Enfasi tat-Tribunal.

Novembru 2003, li *transferees have failed to produce any evidence to show that the value declared in the deed is correct. On the other hand transferors have agreed to the assessment and paid additional duties accordingly*[14], bl-ebda mod ma tista' tirrendi l-Likwidazzjoni mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrenti bhala wahda legittima. Irrispettivament minn kwalunkwe tip ta' obbligu li jista' jirrizulta bejn il-venditur u l-kompratur dwar il-hlas tat-taxxa qual' volta stabbilita mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni)[15], **il-fatt wahdu** li xi parti jew l-ohra thallas dak minnha mitlub minghand il-Kummissarju ma jistax awtomatikament jitqies bhala konferma li l-valur dikjarat fl-att tat-trasferiment ma huwiex il-valur reali tal-proprjetà fiz-zmien tat-trasferiment u/jew li ma jirrapprezentax l-ammont kollu li ghadda fuq it-trasferiment. Parti jew ohra tista' taghzel li thallas minghajr kontestazzjoni dak minnha mitlub minghand il-Kummissarju ghal diversi ragunijiet li naturalment jikkoncernaw lilha u mhux necessarjament ikunu marbuta ma' ammissjoni tal-korrettezza ta' dak pretiz mill-istess Kummissarju u ghalhekk ma jistax u ma ghandux jitqies – **minghajr ebda prova ulterjuri fir-rigward** – li b'dak il-hlas il-parti l-ohra tkun tilfet id-dritt taghha li tikkontesta l-Likwidazzjoni mahruga kontriha u li addirittura tispicca bla ebda raguni valida in bazi ghal liema tista' tikkontesta tali Likwidazzjoni. Tali pretensjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni) hija mhux biss ghal kollox guridikament insostenibbli izda ghal kollox ingusta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta li l-aggravji fuq liema r-Rikorrenti jibbazaw l-Appell taghhom mill-Likwidazzjoni bin-Numru IV039258 datata 28 ta' Novembru 2003, huma gustifikati u jisthoqq li jigu milqugha bil-konsegwenza li l-imsemmija Likdiwazzjoni kif mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandha tigi revokata w annullata in kwantu manifestament zbaljata w ingusta.

[14] Sottolinear tat-Tribunal.
[15] Artikolu 49(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-Appell interpost mir-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni bil-Kont Nru. IV039258 datata 28 ta' Novembru 2003, u jirrevoka u jannulla l-istess imsemmija Likwidazzjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------